MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 49/2010/1

**ANTHONY MICALLEF (K.I. 97062(M))**

**Vs**

**AWTORITA GHAT-TRASPORT F'MALTA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva tad-29 ta' Mejju 2012 fejn gie deciz:-

"*It-Tribunal*:

*Ra r-Rikors ipprezentat minn Anthony Micallef fl-24 ta' Novembru 2010, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li huwa ma naqasx mill-obbligi tieghu meta ghadda l-vettura bin-Numru tar-*

*Registrazzjoni IAT-648 mit-test tal-VRT u b'hekk jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta notifikata lilu b'avviz datat 15 ta' Novembru 2010 u konsegwentement jirrevoka l-multa amministrattiva ta' €495 imposta fuqu b'dik id-decizjoni peress illi lit-tester tieghu James Smith tnaqqsulu 45 punti ta' penalità, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;*

*Ra l-avviz ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datat 15 ta' Novembru 2010, anness mar-Rikors promotur a fol. 3 tal-process;*

*Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) in linea preliminari, ghall-korrettezza ghandha ssir korrezzjoni fl-isem ta' l-intimat billi ai termini tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta isem l-Awtorità intimata huwa Awtorità ghat-Trasport f'Malta; (ii) sussidjarjament it-talba tar-Rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; u (iii) l-Awtorità intimata ghamlet l-indagni taghha sew u b'responsabbiltà u minn dak li rrizultalha harget l-avviz fil-konfront tar-Rikorrent fejn ghar-ragunijiet moghtija fl-istess avviz gew imposti s-sanzjonijiet kif previsti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;*

*Ra d-Digriet datat 8 ta' Frar 2011 li bih giet ordnata l-korrezzjoni f'isem l-Awtorità intimata fis-sens illi tigi indikata bhala l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza;*

*Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2011*[1]*, ix-xhieda ta' James Smith moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2011*[2]*, ix-xhieda ta' Lino Abela moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011*[3] *u ra d-dokumenti esebiti minn Lino Abela a fol. 26 sa' 30 tal-process u markati Dok. "LA1" sa' Dok. "LA3", sema' x-xhieda ta' George Farrugia u ta' Joseph Mifsud*[4] *moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011*[5]*;*

[1] Fol. 16 sa' 19 tal-process.

[2] Fol. 21 sa' 22 tal-process.

[3] Fol. 31 sa' 33 tal-process.

[4] Fol. 39 sa' 43 tal-process.

*Sema' t-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;*

*Ra l-atti l-ohra tal-kawza;*

***Ikkonsidra:***

*Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lilu b'avviz datat 15 ta' Novembru 2010[6], fejn gie penalizzat b'multa amministrattiva ammontanti ghal €495 peress illi lit-tester tieghu James Smith tnaqqsulu 45 punti ta' penalità in konnessjoni mal-VRT test fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648. L-Awtorità intimata topponi ghall-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni taghha in bazi ghall-eccezzjoni li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent id-decizjoni in kwistjoni hija legali u gusta u b'hekk ghandha tigi kkonfermata. Tikkontendi li hija ghamlet l-indagini taghha sew u b'responsabbiltà u skont dak li rrizultalha harget l-avviz tal-15 ta' Novembru 2010 fil-konfront tar-Rikorrent fejn ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz applikat fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet previsti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ossia fir-Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba Ghat-Triq.*

*L-Awtorità intimata ssollevat ukoll eccezzjoni ta' natura preliminari fis-sens li ghandu jkun hemm korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri peress illi ai termini tal-Ligi l-isem proprju taghha huwa Awtorità ghat-Trasport f'Malta u mhux l-Awtorità tat-Trasport Malta kif indikat mir-Rikorrent. Din l-eccezzjoni giet sorvolata bid-Digriet datat 8 ta' Frar 2011 li bih giet awtorizzata d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti ta' dawn il-proceduri fis-sens illi l-kliem "l-Awtorità tat-Trasport Malta" jigu kancellati u minflok jitnizzlu l-kliem "Awtorità ghat-Trasport f'Malta". Fid-dawl ta' tali korrezzjoni t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jittratta ulterjorment dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità intimata u jista' ghalhekk jghaddi mill-ewwel biex jittratta l-meritu tal-kaz.*

---

[5] Fol. 34 sa' 38 tal-process.

[6] Fol. 3 tal-process.

*Mill-avviz datat 15 ta' Novembru 2010 jirrizulta li l-Awtorità intimata imponiet il-multa amministrattiva ta' €495 fuq ir-Rikorrent ghaliex lit-tester tieghu James Smith tnaqqsulu 45 punti ta' penalità ghaliex ghalkemm huwa afferma rizultat posittiv ta' VRT test fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648 fl-24 ta' Settembru 2010, minn zewg spezzjonijiet esegwiti minn Ufficjali ta' l-Awtorità fl-10 u fil-11 ta' Novembru 2010 fuq l-istess vettura irrizultaw diversi nuqqasijiet fiha, senjatament torn wipers, missing left side lens signalling light repeater, u missing driver's side mirror, li kellhom iwasslu biex dik il-vettura ma tghaddix il-VRT test. Fl-avviz in kwistjoni fil-fatt jinghad illi please be advised that on the 10th November 2010, Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the above mentioned vehicle [vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648], and consequently another inspection on the same vehicle in your VRT station on the 11th November 2010. The VRT test was conducted on the 24th September 2010 at your station and issued a pass certificate No. RC 2496441 on the said vehicle. The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection: torn wipers, missing left side lens repeater, missing driver's side mirror. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 18, 9 and 7 your Tester James Smith licence number LTD/38/04/22 is therefore being penalized the total points of 45 points (Forty five) that are equivalent to €495.*

*Ir-Rikorrent jattakka d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata in bazi ghall-kontestazzjoni li n-nuqqasijiet riskontrati mill-Ufficjali ta' l-Awtorità waqt l-ispezzjonijiet li zammew fl-10 u fil-11 ta' Novembru 2010, ma kienux hemm meta sar il-VRT test fuq il-vettura fl-24 ta' Settembru 2010, izda dawn kienu mankamenti li gew kawzati tul il-perijodu li ddekorra bejn id-data tal-VRT test u d-data ta' l-ispezzjonijiet da parte ta' l-Awtorità.*

*Meta xehed waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2011*[7]*, ir-Rikorrent iddikjara li xi zmien wara li sar il-VRT test ta' l-24 ta' Settembru 2010 fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648, gie infurmat minn Lino Abela illi huwa manager fl-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, illi l-vettura in kwistjoni kellha xi problemi. Irrid nghid li jiena lil dan Lino Abela ma kontx cempiltlu direttament fuq*

[7] Fol. 16 sa' 18 tal-process.

*din il-vettura kont cempiltlu fuq kwistjoni teknika ohra u kien hu stess li semmieli l-vettura in kwistjoni u kien qalli li din qatt ma kellha suppost tidhol fl-istation tieghi u semmieli xi problemi fil-brejkijiet u fl-isteering u li s-seats kienu mikulin. Irrid nghid li l-vettura mhijiex xi vettura sabiha ghaliex fuq kollox hi x'inhi Skoda però madanakollu jiena ghalija kienet fi stat tajjeb. Dak il-hin cempilt lis-sid u hu qalli li hu ma kien jaf b'xejn però qalli li kellu incident bl-istess vettura u kien tghajjar ir-rota ta' wara ma' xi kantun. Dak iz-zmien meta kellimt lis-sid il-vettura kienet ghand l-MET li huma towing and recovery service kif ukoll VRT station u jaghmlu wkoll tiswijiet. Fil-fatt il-vettura kienet qieghda ghandhom biex tissewwa wara l-incident illi kellu biha. Jiena tlabt lis-sid biex igib il-vettura biex inkun nista' naraha u fil-fatt ergajt kellimt lil Lino Abela fejn ghedtlu li s-sid ma kien jaf b'xejn dwar l-affarijiet li kien qalli l-istess Abela fuq din il-vettura u kont ghedtlu li s-sid kien gej biha biex naraha. Fi zmien ghoxrin minuta fil-fatt kienu waslu Lino Abela kif ukoll John Mifsud li huwa inspector ma' l-Awtorità u kif wasal is-sid, Lino Abela beda jispezzjona l-vettura. Hu indikali rota li kienet ghadha mcappsa biz-zejt u jien ghedtlu iva li kienet imcappsa ghar-raguni li ahna z-zejt ma konniex naddafnih minn fuq ir-rota izda kont ghedtlu li x-xoghol kien sar u fil-fatt kont urejtu wkoll fejn kien sar ix-xoghol. Dak il-hin giet tested il-vettura u t-test ghadda. Xi ghaxart ijiem jew gimgha wara kont ircevejt ittra fejn gew elenkati diversi difetti li kien fiha l-vettura per ezempju difetti fil-wipers, kien hemm is-side mirror nieqsa u affarijiet ohra. Kien hemm oggett iehor li huwa l-missing left side lens signaling light repeater. Dawn l-affarijiet jinsabu elenkati fl-ittra li qieghdha esebita a fol. 3 tal-process. Jiena bqajt sorpriz ghal dawn l-affarijiet li rajt u fil-fatt kienu differenti mill-ewwel sett ta' affarijiet li kien semmieli Lino Abela meta kont cempiltlu l-ewwel darba. Fil-fatt dak iz-zmien kien addirittura qed jaghtini x'nifhem illi l-incident li kellu sid il-vettura kien proprju ghaliex it-testing u t-tiswijiet minn naha taghna saru hazin. Mill-mod kif spjegali li sehh l-incident sid il-vettura kien li laqat kantun, tajjar ir-rota u ma setghax isuqha. Meta kienu qeghdin ghandi u qed issir l-ispezzjoni minn Lino Abela u John Mifsud, sid il-vettura fil-fatt kien spjegalhom li kellu incident, li l-vettura kienet ghand l-MET ghat-tiswija u dakinhar wara nofsinhar stess kien ghadu kemm gabarha minghandhom. Meta l-vettura kienet qieghda ghandna f'Settembru 2009 [recte: 2010] biex isir it-test, il-wipers kienu gew tested fis-sens illi nkunu ghafasna l-lever relattiv, tela' l-ilma u l-ilma jkun gie squeezed u kienu hadmu tajjeb. Fir-rigward*

*tal-light repeaters nghd ukoll li dawn gew tested, ahna niccekjaw li dawn ikunu jahdmu li fil-fatt ikun qed jixghel l-orange light. Meta imbaghad rega' saret l-inspection minn Lino Abela u John Mifsud fil-garaxx ghandi wara li l-karozza ingabet mit-tiswijiet ta' l-incident, jiena ma rajthomx jittestjaw il-wipers, jigifieri ma nafx kif waslu ghall-konkluzzjoni li dawn kienu mqattghin u fir-rigward signaling light repeaters kienu talbuni biex inhaddimhom u dawn kienu hadmu; l-unika haga li kien hemm kienet li kien hemm wiehed minnhom li kellu l-hgiega maqsuma. Qed nigi mistoqsi mit-Tribunal jekk niftakarx liema naha kienet din ir-repeater li kellha l-lens maqsuma nghid li ma nistax niftakar. Meta sar it-test tal-vettura f'Settembru 2010, il-lens tar-repeater ma kienetx maqsuma.*

*Dak affermat mir-Rikorrent dwar in-nuqqasijiet riskontrati mill-Awtorità intimata gie kkonfermat mit-tester James Smith illi waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2011*[8] *iddikjara li n-nuqqasijiet li semmiet l-Awtorità intimata wara inspection li saret fuq din il-vettura, jigifieri l-mera nieqsa, il-wipers ma jahdmux u s-side repeater kellu difett, nghid li fl-ewwel VRT test dawn ma rrizulta li kellhom xejn hazin ghaliex kif spjegajt il-vettura giet failed fuq il-brakes u l-windscreen washer u fir-re-test tighi, kieku kien hemm xi l-mera nieqsa kont ninduna u zgur kont nigbed l-attenzjoni lil Anthony Micallef, il-wipers kienu jahdmu ghax ippruvajt il-wind screen washer, u fis-side repeater ma rajt li kien hemm xejn hazin. Bejn ir-re-test u l-gurnata li rcevejna l-ittra li saret inspection fuq il-vettura, ghaddew madwar xahrejn.*

*Biex tirribatti dak affermat mir-Rikorrent u minn James Smith u biex tikkonferma li d-decizjoni taghha hija wahda gusta, l-Awtorità intimata ressqet bhala xhieda lill-Ufficjali taghha li kienu involuti fiz-zewg spezzjonijiet li saru fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648, ossia lil Lino Abela, George Farrugia u Joseph Mifsud li lkoll xehdu waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011.*

*Lino Abela, Technical Manager ma' l-Awtorità intimata, spjega li l-vettura in kwistjoni giet a konjizzjoni ta' l-Awtorità permezz ta' rapport li sar mill-Mile End Service Limited. Hekk kif dahal dan ir-rapport l-Awtorità hadet il-passi necessarji u minn spezzjoni li*

---
[8] Fol. 21 u 22 tal-process.

*saret fuq il-vettura rrizulta li din kellha break fluid leakage, ir-rota ta' wara tqactet mis-suspension, is-side repeater, sadid fuq il-mountings li kien excessive rust, rear low arm mounting torn u also wipers torn. Ahna nnutajna li dawn ma setghux gew zviluppati hekk f'daqqa, f'dawn il-jumejn u hadnilha r-ritratti fuq il-post*[9]*. In effetti r-ritratti gew esebiti u markati Dok. "LA1" u Dok. "LA2" a fol. 26 u 27 tal-process u juru l-leaks tal-brejkijiet, il-kondizzjoni tas-suspension u l-interiors tal-vettura.*

*Lino Abela kompla jixhed illi din il-vettura meta morna fl-ufficju nstabet li kienet giet ittestjata ghand Tony's VRT station fit-18 ta' Settembru 2010 u ergajna gelnieh jaghmel re-test. Mistoqsi meta sar ir-re-test Abela xehed illi dan sar fl-24 ta' Settembru 2010. Wara li rega' ghamlilha t-test, ghax dik il-vettura ma stajniex inhalluha fit-triq f'dik il-kondizzjoni, rega' ghamlilha t-test fl-24 ta' Settembru imbaghad hemmhekk ghaddiet. Ahna meta morna fuq il-post ghax hu kien qed jghid li s-suspension inqasmet ma' toqba mat-towing, sibna wkoll il-wipers, missing side lenses tar-repeaters u missing driver's mirror, li kienu ghadhom hemm u li meta morna l-ewwel darba ma kienux hemm ukoll, jigifieri l-karozza ghaddiha mit-test b'dan l-istess difetti. Fl-ewwel test kellu l-leaks tal-brejkijiet li kien quite serious, imbaghad meta rega' mar ghat-tieni test dawk issewwew. Dwar dawn l-allegati difetti jghid li baqghu u rega' ghaddiha bihom … meta morna fil-post nsibu li hareg l-assistent tieghu iwahhal il-wipers meta staqsejnieh fuq il-lenses tar-repeaters qalilna dawk jghaddu hekk, fil-fatt il-manual jghid li dawk ma tistax tghaddihom hekk u l-missing driver's lense ma tistax_tghaddiha ghax inti m'ghandekx il-mera biex tara r-rear view. L-ewwel darba li dahal rapport fuq il-vettura in kwistjoni minghand il-Mile-End VRT station konna prezenti jien u George Farrugia. It-tieni inspection li saret konna prezenti jien u Joseph Mifsud. Din l-inspection fejn konna jiena u Joseph Mifsud iggib id-data tal-11 ta' Novembru 2010, u meta dahal ir-rapport kien fl-10 ta' Novembru 2010.*

*Meta x-xhieda ta' Lino Abela tigi kkunsidrata fid-dawl tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lir-Rikorrent bl-avviz datat 15 ta' Novembru 2010, mill-ewwel jirrizultaw certu diskrepanzi li serjament jimpingu fuq il-kredibilità ta' dak minnu affermat fil-konfront tar-Rikorrent. Bix-xhieda tieghu Lino Abela*

[9] Xhieda moghtija minn Lino Abela waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011, fol. 31 sa' 33 tal-process.

*jipprova jaghti ad intendere li huwa qabad fil-fatt lir-Rikorrent u lit-tester tieghu jghaddu l-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648 mit-test tal-VRT meta din evidentement kellha serie ta' difetti u nuqqasijiet li zgur ma setghux iwasslu ghal test posittiv. Madanakollu però din l-insinwazzjoni tirrizulta kontradetta kemm minn dak minnu stess dikjarat fl-gheluq ta' xhieda tieghu dwar id-dati meta dahal ir-rapport minghand il-Mile End VRT Station dwar il-vettura u meta saret l-ispezzjoni fuq l-istess vettura kif ukoll mill-konsiderazzjonijiet elenkati fl-avviz tal-15 ta' Novembru 2010 u li a bazi taghhom l-Awtorità intimata hadet id-decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent.*

*In effetti ghalkemm Lino Abela jghid li l-ewwel VRT test mir-Rikorrent fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648 sar fit-**18 ta' Settembru 2010** u r-Rikorrent gie mgieghel jaghmel re-test fuq il-vettura fl-**24 ta' Settembru 2010**, meta allegatament rega' ghadda l-istess vettura nonostante n-nuqqasijiet li kien fiha, fl-ahhar tax-xhieda tieghu ddikjara li r-rapport mill-Mile End VRT station dahal fl-**10 ta' Novembru 2010** meta mill-ewwel saret spezzjoni fuq il-vettura u t-tieni spezzjoni fil-garage tar-Rikorrent saret fil-**11 ta' Novembru 2010**. Dawn id-dati jinsabu konfermati fl-avviz tal-15 ta' Novembru 2010 fejn appuntu jinghad illi please be advised that on the **10th November 2010**, Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the above mentioned vehicle [vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAT-648], and consequently another inspection on the same vehicle in your VRT station on the **11th November 2010**. The VRT test was conducted on the **24th September 2010** at your station and issued a pass certificate No. RC 2496441 on the said vehicle[10]. Minn dan ghalhekk jirrizulta li l-fatti tal-kaz ma setghux graw kif spjegat minn Lino Abela fix-xhieda tieghu izda, huwa iktar probabli li graw kif xehed ir-Rikorrent u cioè li l-VRT test li irrizulta posittiv sar fl-24 ta' Settembru 2010 u kien biss fl-10 ta' Novembru 2010, ossia madwar xahar u nofs wara t-test, li saret spezzjoni fuq il-vettura in kwistjoni da parte ta' l-Ufficjali ta' l-Awtorità intimata fejn gew riskontrati d-diversi nuqqasijiet imsemmija minn Lino Abela u kkonfermati kemm minn George Farrugia kif ukoll minn Joseph Mifsud.*

[10] Enfasi tat-Tribunal.

*Il-fatt li n-nuqqasijiet riskontrati fil-vettura in kwistjoni kif elenakti minn Lino Abela u murija fir-ritratti Dok. "LA1" u Dok. "LA2" esebiti mill-istess Abela, gew ikkonfermati minn George Farrugia u minn Joseph Mifsud, ma jfissirx li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrent hija gusta u korretta.*

*Ir-Rikorrent kategorikament jichad li n-nuqqasijiet riskontrati fil-vettura in kwistjoni kienu hemm meta sar il-VRT test fl-24 ta' Settembru 2010 u jikkontendi li fiz-zmien bejn li sar il-VRT test u li saret l-ispezzjoni fuq il-vettura mill-Ufficjali ta' l-Awtorità intimata fl-10 u fil-11 ta' Novembru 2010, sid il-vettura kellu incident biha u b'hekk id-diversi nuqqasijiet riskontrati mill-Awtorità gew ikkawzati f'dak il-perijodu ta' zmien wara li gie esegwit il-VRT test f'Settembru 2010. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li l-Awtorità intimata bbazat id-decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent biss fuq tlieta mid-diversi nuqqasijiet li gew riskontrati fil-vettura in kwistjoni jfisser li l-istess Awtorità accettat bhala valida l-affermazzjoni u spjegazzjoni tar-Rikorrent li f'xi zmien wara l-VRT test ta' l-24 ta' Settembru 2010 sid il-vettura kellu incident biha fejn appuntu qactilha r-rota ta' wara ma' kantun. In effetti ghalkemm Lino Abela xehed illi n-nuqqasijiet riskontrati kienu break fluid leakage, ir-rota ta' wara tqactet mis-suspension, is-side repeater, sadid fuq il-mountings li kien excessive rust, rear low arm mounting torn u also wipers torn, mill-avviz tal-15 ta' Novembru 2010 jirrizulta li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata kienet ibbazata biss fuq torn wipers, missing left side lens signalling light repeater, u missing driver's side mirror. Ghal dak li jirrigwarda il-break fluid leakage, il-fatt li-Awtorità intimata ma baqghetx tinsisti fuq dan in-nuqqas ukoll ifisser li accettat bhala valida l-ispjegazzjoni tar-Rikorrent li z-zejt li nnutaw l-Ufficjali taghha kien zejt li ma tnaddafx wara li l-break fluid leakage riskontrat waqt il-VRT test issewwa.*

*In kwantu rigwarda n-nuqqasijiet fuq liema l-Awtorità intimata bbazat id-decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent, it-Tribunal hu tal-fehma li l-istess Awtorità ma ressqitx provi li sodisfacentement jistabilixxu li dawn in-nuqqasijiet riskontrati fil-vettura fl-10 u 11 ta' Novembru 2010 kienu già prezenti fl-24 ta' Settembru 2010 meta sar il-VRT test fil-VRT station tar-Rikorrent.*

*In kwantu rigwarda l-missing driver's side mirror Joseph Mifsud xehed illi ghamilna nota ahna li fejn hemm il-missing driver side*

*mirror kien hemm it-toqob tal-viti kienu msaddin, li ma jigrux f'xahar u nofs dawn l-affarijiet*[11]*. Nonostante din l-affermazzjoni u minkejja l-fatt li ttiehdu diversi ritratti tal-vettura in kwistjoni ghal xi raguni ma ttiehdux, jew ghallinqas ma gewx pprezentati, ritratti tal-post fejn tehel il-mera fuq in-naha tax-xufier li juru s-sadid imsemmi minn Mifsud. In effetti l-uniku ritratt li juri l-vettura minn barra, u cioè wiehed mir-ritratti esebiti bhala Dok. "LA1", ittiehed mill-angolatura tan-naha tal-passiggier u minnu bil-kemm jirrizulta li hemm il-mera tax-xufier nieqsa u wisq inqas ma jista' jinghad illi fit-toqob tal-viti fejn tehel il-mera kien hemm is-sadid. B'hekk din l-allegazzjoni ta' l-Awtorità intimata ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u konsegwentement tirrizulta iktar kredibbli l-affermazzjoni tar-Rikorrent li fuq medda ta' xahar u nofs bejn il-VRT test u l-ispezzjoni mill-Ufficjali ta' l-Awtorità intimata fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IAT-648, il-mera in kwistjoni jew tqacctet jew ghal xi raguni tnehhiet minn sid il-vettura.*

*It-trapass ta' zmien bejn il-VRT test fuq il-vettura in kwistjoni u l-ispezzjoni da parte ta' l-Ufficjali ta' l-Awtorità intimata wkoll ipoggi fid-dubju kemm il-left side repeater signaling light kien nieqes fiz-zmien meta sar il-VRT test fl-24 ta' Settembru 2010. Huwa in fatti ferm possibbli li fuq medda ta' xahar u nofs din is-signaling light tqaccetat jew inqalghet minn postha f'xi zmien wara li gie esegwit il-VRT test fuqha da parte tar-Rikorrent u/jew it-tester tieghu.*

*Bl-istess mod lanqas ma jista' jinghad illi l-wipers imqattghin li gew innutati mill-Ufficjali ta' l-Awtorità intimata waqt l-ispezzjoni ta' l-10 u tal-11 ta' Novembru 2010 kienu già mqattghin xahar u nofs qabel, ossia fl-24 ta' Settembru 2010 meta sar il-VRT test fuq il-vettura. Mix-xhieda tar-Rikorrent u ta' James Smith jirrizulta li inizjalment il-vettura kellha problemi bil-windscreen washers li meta jithaddmu necessarjament jithaddmu wkoll il-wipers. B'hekk kieku l-wipers kienu mikulin jew imqattghin dan il-fatt zgur kien jigi nutat u logikament kienu jinbidlu f'dak l-istadju u mhux jithallew fil-post. Frankament it-Tribunal ma jara ebda sens fl-ipotesi li meta tkun qed tigi trattata w imsewwija problema fil-windscreen washers ma jinbidlux ukoll il-wipers jekk dawn ikunu mikulin jew imqattghin.*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011, fol. 39 sa' 43 tal-process.

*Fil-fehma tat-Tribunal ladarba lahqu ghaddew xahar u nofs bejn id-data tal-VRT test u d-data ta' l-ispezzjoni da parte ta' l-Ufficjali taghha, l-Awtorità intimata ma setghetx taqbad u tassumi li n-nuqqasijiet minnha riskontrati fil-vettura kienu già ezistenti fiz-zmien meta sar il-VRT test u b'hekk tikkonkludi li r-Rikorrent naqas mill-obbligi u doveri tieghu skont ir-Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba Ghat-Triq u konsegwentement timponi fuqu s-sanzjonijiet previsti fl-imsemmija Regolamenti. Proprio ghaliex ta' sanzjonijiet si tratta l-Awtorità intimata ghandha l-obbligu li tagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mod korrett u fuq bazi ta' fatti – relattivi ghal nuqqasijiet imputabbli – debitament ippruvati u mhux fuq mera assunzjonijiet jew supposizzjonijiet. Fic-cirkostanzi ghalhekk jirrizulta gustifikat l-ilment tar-Rikorrent li d-decizjoni mehuda mill-Awtorità intimata fil-konfront tieghu, notifikata lilu bl-avviz datat 15 ta' Novembru 2010, ma kenitx wahda gusta u konsegwentement l-Appell tieghu minn tali decizjoni jisthoqq li jigi milqugh.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità intimata, jichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-istess Awtorità u jilqa' t-talba tar-Rikorrent u konsegwentement jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lir-Rikorrent bl-avviz datat 15 ta' Novembru 2010.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-Awtorità intimata".*

Illi l-Awtorita appellanti appellat minn dina id-decizjoni abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. Illi permezz ta' decizjoni datata 15 ta' Novembru 2010 r-rikorrenti appellat gie infurmat li t-*tester* tieghu ossia James Smith ghadda l-vettura IAT-648 mill-VRT test fl-24 ta' Settembru 2010 u dana minkejja li dina l-vettura kellha certi nuqqasijiet li skond il-ligi jikkostitwixxu "*failing items*," u dawn kienu jikkonsistu f'*torn wipers, missing left side lens signalling light repeater* u *missing driver's side mirror*. Illi ghalkemm it-test originali kien sar mit-*tester* impjegat mieghu James Smith, izda ir-*re-*

*test* sar mill-appellat wara li kienu saru it-tiswijiet necessarji. Illi ghalkemm id-decizjoni ta'l-Awtorita inharget fil-konfront tat-*tester* tieghu, li gie ippenalizzat, u mhux fil-konfront tieghu, l-appellat xort wahda ressaq il-kontestazzjoni tieghu ghal dina d-decizjoni. Dan ghaliex kien hu li ghamel it-test u naqas li jinforma lill-Awtorita' b'dan. Dan l-fatt hareg biss fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal.

2. Illi t-Tribunal naqas milli jaghmel apprezzament siwi tax-xhieda migjuba mill-Awtorita appellanti, fejn tressqu provi cari illi in-nuqqasijiet indikati minnha fid-decizjoni taghha kienu prezenti fit-test li sar fl-24 ta' Settembru 2010 u f'din d-data instab illi l-vettura ma kenitx tajba u sigura ghat-triq. It-Tribunal ghalhekk naqas milli jaghti piz lix-xhieda tar-rapprezentanti ta'l-Awtorita li kienu prezenti meta sar it-*test*.

3. Illi ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal hija ibbazata fuq allegazzjoni imqajjma mill-appellat illi n-nuqqasijiet riskontrati kienu sehhew fit-trapass taz-zmien minn meta sar it-test u id-data meta saret l-ispezzjoni mill-Ufficjali ta'l-Awtorita u cioe' f'perijodu ta' madwar xahrejn u nofs u li meta sar it-test mill-appellat dawn in-nuqqasijiet ma kienux jezistu. Dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati mill-appellat permezz ta' xi xhieda dokumentarja jew xhieda ohra *viva voce* u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 562 tal-Kapitolu12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dawn l-aggravvji, ir-Regolament 21(1) tal-Legislazzjoni sussidjarja 65.15 jawtorizza lill-Awtorita appellanti timponi kemm punti ta' penalita kif ukoll multi amministrattivi fuq *tester* jew *operator* ta' VRT station skond il-kaz.

Illi fl-ewwel aggravvju minnha sollevat, l-Awtorita tishaq illi l-appellat ikkontesta decizjoni mehuda mhux fil-konfront tieghu, izda fil-konfront tat-

tester tieghu James Smith. Illi il-Qorti tosserva minghajr tlaqliq illi dan l-aggravvju ma jaghmilx sens u dan ghaliex huwa evidenti illi id-decizjoni tal-15 ta’ Novembru 2010 giet indirizzata fil-konfront ta’l-appellat u dan a tenur tar-regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li fis-sub-inciz 2 jispecifika: *(1) Operatur li jonqos li jhares il-kondizzjonijiet ta’ kuntratt ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f’dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu l-kondizzjonijiet imsemmija u jehlu l-punti ta’ penalità u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda.*

*(2) Meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f’dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-Awtorità ghandha taghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kondizzjonijiet, in-numru adatt ta’ punti ta’ penalità li jkunu ser jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, il-multa amministrattva li tkun ser tigi imposta fir-rigward ta’ vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur, u l-perjodu li fih għandha tiġi mħallsa l-multa amministrattiva skont is-subregolament.*”

Illi huwa precizament dan li sehh f’dan il-kaz u kwindi dan l-ewwel aggravvju ser jigi rigettat billi huwa legalment infondat.

Illi sorvolat dan l-aggravvju jirrizulta minn ezami ta’l-aggravvji l-ohra illi l-kontestazzjoni ewelnija maghmula mill-Awtorita appellanti ghas-sentenza impunjata tikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal fejn jilmentaw illi ix-xhieda migjuba ’il quddiem minnha ma inghatatx il-piz misthoqq u dan bi vjolazzjoni ta’ dak dispost fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jixhet l-obbligu tal-prova ta’ fatt fuq min jallegah. Gjaldarba

ghalhekk, fil-fehma tal-appellanti, kien ir-rikorrenti appellat illi allega illi n-nuqqasijiet ma kienux prezenti meta sar it-*test* tal-24 ta' Settembru 2010, kien imiss lilu li jipprova tali allegazzjoni.

Illi ghalkemm l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 jixhet il-piz tal-prova ta' fatt fuq il-parti li tallegaha, madanakollu il-poteri moghtija lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jixbhu dawk moghtija lil qorti ta' revizjoni u dana billi huwa d-dmir tat-Tribunal illi jistharreg decizjoni amministrattiva u dana meta jitressaq 'il quddiem appell minn tali decizjoni. Ghaldaqtsant kien jenhtieg illi l-Awtorita appellanti tressaq provi inkonfutabbli li fuqhom hija ibbazat id-decizjoni taghha li qed tigi ikkontestata u dana sabiex tiggustifika t-tehid ta' tali decizjoni amministrattiva li f'dan il-kaz kienet anke tipprospetta multa amministrattiva. Fil-fatt l-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 jistabbilixxi illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu ikollu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi. Tant hu hekk illi sabiex it-Tribunal jezercita dina is-setgha li jissindika id-decizjonijiet mehuda mill-amministrazzjoni pubblika huwa ghandu jirrispetta u japplika il-principji ta' mgiba amministrattiva tajba kif ikkontemplat fl-artikolu 3 ta'l-Att, fosthom li jiżgura li l-amministrazzjoni pubblika tagħmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti għall-każ u għandu jara li l-parti jew il-partijiet l-oħra fil-proċeduri jkollhom aċċess għal dawn id-dokumenti u informazzjoni[12]. Dan ifisser illi l-awtorita pubblika ghalhekk ghandha tindika ir-raguni, permezz ta' provi cari, li wassluha ghat-tehid ta' dik id-decizjoni amministrattiva u dana sabiex l-parti sokkombenti ghal tali decizjoni ikollha il-jedd li tiddefendi ruhha minn tali decizjoni biex b'hekk jigu rispettati l-principji ta' gustizzja naturali kif imfissra fis-sub-inciz 2(a)(i)(ii) tal-Att.

Illi allura din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fil-motivazzjonijiet li wasslu lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu billi minn apprezzament akkurat u studjat tal-

[12] Artikolu 3(2)(d) tal-Kapitolu 490

provi li tressqu u senjatament mill-provi migjuba mill-Awtorita appellanti li fuqhom kienet imsejsa id-decizjoni amministrattiva ma jirrizultax illi l-amministrazzjoni pubblika f'dan il-kaz imxiet korrettement meta ma stharrgitx l-agir ta'l-appellat b'mod rett u gust kif kien fid-dmir taghha illi taghmel qabel ma ittiehdet id-decizjoni taghha, iktar u iktar meta jigi meqjus illi *test* li sar f' Settembru 2010 fuq vettura li tintuza regolarment fit-triq u wara li tali vettura kienet ukoll involut f'incident stradali wara li sarilha dan it-test, issirilha ispezzjoni mill-Ufficjali ta'l-Awtorita kwazi xahrejn wara fl-10 u l-11 ta'Novembru 2010 u fejn f'dik l-ispezzjoni jigu indikati nuqqasijiet li fil-fehma tal-Awtorita kienu prezenti f' Settembru 2010 meta sarilha it-test mill-appellat u it-tester tieghu minghajr ma tindika x'wassalha ghal dina l-konkluzjoni. Fuq kollox kien jispetta lill-Awtorita appellanti u mhux lill-appellat li jindika bl-iktar mod car dak li wassalha ghad-decizjoni taghha tal-15 ta' Novembru 2010 u mhux tixhet il-piz tal-prova fuq l-appellat u dan b'osservanza ta' dak dispost fl-artikolu 3 tal-Att, hawn fuq riferit.

Illi din il-Qorti ta' tieni istanza ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mit-Tribunal tal-fatti kif gew esposti quddiemha mill-Awtorita li wassluha ghat-tehid tad-decizjoni amministrattiva fil-konfront ta'l-appellat. Dan ghaliex it-Tribunal gharbel sewwa u fid-dettal kemm ix-xhieda imressqa mill-partijiet kif ukoll il-provi dokumentarji li kellu ghad-disposizzjoni tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl ta'dak hawn fuq deciz din il-Qorti ma tarax illi ghandha tinoltra ruhha fl-ahhar aggravvju sollevat mill-Awtorita appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ikunu a karigu ta'l-Awtorita appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------